Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0825(COD)

6.2.2026

EMENDI
54 - 298

Abbozz ta' rapport
Ralf Seekatz
(PE779.726v01-00)

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għall-iskoperturi tat-titolizzazzjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0825 – 2025/0825(COD))

Emenda 54
Martin Schirdewan, Manon Aubry, Jussi Saramo

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi devjazzjonijiet ulterjuri minn standards regolatorji maqbula fuq livell internazzjonali li ġew stabbiliti wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja. L-emendi proposti jdgħajfu r-rekwiżiti ta' kapital u jżidu l-opaċità u l-kumplessità fil-prattiki ta' titolizzazzjoni, u b'hekk iżidu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, il-proposta tonqos milli tistabbilixxi mekkaniżmi effettivi biex tiżgura li l-bidliet għall-qafas ta' titolizzazzjoni jsarrfu f'benefiċċji tanġibbli għall-ekonomija tal-produzzjoni.

Emenda 55
Aurore Lalucq

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;***	1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni***

Or. en

Emenda 56
Aurore Lalucq

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
2. Jitlob lill-Kummissjoni ***terġa'***	2. Jitlob lill-Kummissjoni ***tirtira l-***

tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;	***proposta tagħha***;

Or. en

Emenda 57
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea)[1a],
	[1a] https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_en

Or. en

Emenda 58
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta tas-17 ta' April 2024 bit-titolu "Much More Than a Market" (Ħafna Aktar Milli Suq)[1a],
	[1a] https://european-research-area.ec.europa.eu/sites/default/files/documents/2024-05/LETTA%20Report%20-

%20Much%20more%20than%20a%20market_April%202024.pdf

Or. en

Emenda 59
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Unjoni teħtieġ investiment sinifikanti biex tibqa' reżiljenti u kompetittiva. Il-qafas ta' titolizzazzjoni jista' jikkontribwixxi għal sistema finanzjarja aktar diversifikata u għal kondiviżjoni akbar tar-riskju. Madankollu, hemm impedimenti materjali għall-ħruġ ta' titolizzazzjonijiet u għall-investiment fihom. Dawn l-impedimenti huma ta' piż fuq l-iżvilupp tas-suq tat-titolizzazzjoni. Ir-rekwiżiti ta' kapital regolatorju stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] għall-istituzzjonijiet li joriġinaw, jisponsorjaw jew jinvestu f'titolizzazzjonijiet ma humiex sensittivi biżżejjed għar-riskju, u jinkorporaw ukoll livell mhux iġġustifikat ta' konservattiviżmu. Ir-rekwiżiti attwali jonqsu milli jirrikonoxxu b'mod preċiż il-prestazzjoni kreditarja tajba tat-titolizzazzjonijiet tal-Unjoni u l-mitiganti tar-riskju li ġew implimentati fl-oqfsa regolatorji u superviżorji tal-Unjoni għat-titolizzazzjoni. Dawn l-oqfsa naqqsu b'mod sinifikanti r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell inkorporati fit-tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni.	***imħassar***

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta'

kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

Or. en

Emenda 60
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Unjoni teħtieġ investiment sinifikanti biex tibqa' reżiljenti u kompetittiva. Il-qafas ta' titolizzazzjoni jista' jikkontribwixxi għal sistema finanzjarja aktar diversifikata u għal kondiviżjoni akbar tar-riskju. Madankollu, hemm impedimenti materjali għall-ħruġ ta' titolizzazzjonijiet u għall-investiment fihom. Dawn l-impedimenti huma ta' piż fuq l-iżvilupp tas-suq tat-titolizzazzjoni. Ir-rekwiżiti ta' kapital regolatorju stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] għall-istituzzjonijiet li joriġinaw, jisponsorjaw jew jinvestu f'titolizzazzjonijiet ma humiex sensittivi biżżejjed għar-riskju***, u jinkorporaw ukoll livell mhux iġġustifikat ta' konservattiviżmu***. Ir-rekwiżiti attwali jonqsu milli jirrikonoxxu b'mod preċiż il-prestazzjoni kreditarja tajba tat-titolizzazzjonijiet tal-Unjoni u l-mitiganti tar-riskju li ġew implimentati fl-oqfsa regolatorji u superviżorji tal-Unjoni għat-titolizzazzjoni. Dawn l-oqfsa naqqsu b'mod sinifikanti r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell inkorporati fit-tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni.	(2) L-Unjoni teħtieġ investiment sinifikanti biex tibqa' reżiljenti u kompetittiva. Il-qafas ta' titolizzazzjoni jista' jikkontribwixxi għal sistema finanzjarja aktar diversifikata u għal kondiviżjoni akbar tar-riskju. Madankollu, hemm impedimenti materjali għall-ħruġ ta' titolizzazzjonijiet u għall-investiment fihom. Dawn l-impedimenti huma ta' piż fuq l-iżvilupp tas-suq tat-titolizzazzjoni. Ir-rekwiżiti ta' kapital regolatorju stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] għall-istituzzjonijiet li joriġinaw, jisponsorjaw jew jinvestu f'titolizzazzjonijiet ma humiex sensittivi biżżejjed għar-riskju. Ir-rekwiżiti attwali jonqsu milli jirrikonoxxu b'mod preċiż il-prestazzjoni kreditarja tajba tat-titolizzazzjonijiet tal-Unjoni u l-mitiganti tar-riskju li ġew implimentati fl-oqfsa regolatorji u superviżorji tal-Unjoni għat-titolizzazzjoni. Dawn l-oqfsa naqqsu b'mod sinifikanti r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell inkorporati fit-tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni.

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali

għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

Or. en

Emenda 61
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Ir-rekwiżiti tal-kapital għat-titolizzazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li jiġu emendati biex tiżdied is-sensittività għar-riskju u titnaqqas il-kapitalizzazzjoni eċċessiva billi t-trattament tal-kapital jiġi allinjat aħjar mar-riskji sottostanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu introdotti emendi mmirati biex jimmitigaw id-diskrepanzi indebiti bejn ir-rekwiżiti tal-kapital skont żewġ approċċi differenti: l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni tat-titolizzazzjoni (SEC-IRBA, securitisation internal ratings-based approach) u l-approċċ standardizzat tat-titolizzazzjoni (SEC-SA, securitisation standardised approach). Tali mitigazzjoni jenħtieġ li żżid il-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar u ta' daqs medju li jagħmlu użu mill-approċċ standardizzat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti ta' kapital attwali huma kkalibrati biżżejjed u ma hemmx bżonn li jiġu emendati. Sensittività akbar għar-riskju tagħmel il-kalkoli aktar opaki, filwaqt li l-għan tal-Pakkett ta' Titolizzazzjoni huwa li jissimplifika, mhux li jikkomplika r-regoli eżistenti.

Emenda 62
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Ir-rekwiżiti tal-kapital għat-titolizzazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li jiġu emendati biex tiżdied is-sensittività għar-riskju ***u titnaqqas il-kapitalizzazzjoni eċċessiva*** billi t-trattament tal-kapital jiġi allinjat aħjar mar-riskji sottostanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu introdotti emendi mmirati biex jimmitigaw id-diskrepanzi indebiti bejn ir-rekwiżiti tal-kapital skont żewġ approċċi differenti: l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni tat-titolizzazzjoni (SEC-IRBA, securitisation internal ratings-based approach) u l-approċċ standardizzat tat-titolizzazzjoni (SEC-SA, securitisation standardised approach). Tali mitigazzjoni jenħtieġ li żżid il-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar u ta' daqs medju li jagħmlu użu mill-approċċ standardizzat.	(3) Ir-rekwiżiti tal-kapital għat-titolizzazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li jiġu emendati biex tiżdied is-sensittività għar-riskju billi t-trattament tal-kapital jiġi allinjat aħjar mar-riskji sottostanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu introdotti emendi mmirati biex jimmitigaw id-diskrepanzi indebiti bejn ir-rekwiżiti tal-kapital skont żewġ approċċi differenti: l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni tat-titolizzazzjoni (SEC-IRBA, securitisation internal ratings-based approach) u l-approċċ standardizzat tat-titolizzazzjoni (SEC-SA, securitisation standardised approach). Tali mitigazzjoni jenħtieġ li żżid il-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar u ta' daqs medju li jagħmlu użu mill-approċċ standardizzat.

Or. en

Emenda 63
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju huma pożijiet minimi tar-riskju li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeħtiġilhom japplikaw għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni superjuri tagħhom, anke meta l-kalkoli tal-kapital jissuġġerixxu li jista' jiġi applikat piż tar-	***imħassar***

riskju aktar baxx. Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju għall-pożizzjonijiet superjuri tat-titolizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu magħmula aktar sensittivi għar-riskju, u b'hekk ikun possibbli li jiġi rifless ir-riskju tal-aggregazzjoni sottostanti ta' skoperturi ta' kull titolizzazzjoni speċifika. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri tat-titolizzazzjoni ta' portafolli b'riskju baxx jenħtieġ li jitħallew jibbenefikaw minn livelli minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju aktar baxxi minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri f'titolizzazzjonijiet ta' portafolli b'riskju ogħla. Dan l-approċċ il-ġdid, li jfisser li l-limiti minimi għall-ponderizzazzjoni tar-riskju jiġu kkalkulati abbażi ta' formula speċifika, jenħtieġ li jissostitwixxi l-approċċ eżistenti fejn il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju jiġu stabbiliti bħala livelli fissi, irrispettivament mill-kwalità tal-kreditu tal-aggregazzjoni sottostanti tal-iskoperturi. Il-formula l-ġdida jenħtieġ li tagħmilha possibbli li jiġi rifless l-istatus sempliċi, trasparenti u standardizzat (STS) jew mhux STS ta' titolizzazzjoni. Sabiex jiġi evitat tnaqqis eċċessiv tar-rekwiżiti ta' kapital, jenħtieġ li jiġi introdott limitu minimu għal-limiti għall-ponderazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 64
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju ***huma pożijiet minimi tar-riskju li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeħtiġilhom japplikaw għall-***	(4) Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju ***għandhom jibqgħu*** sempliċi, trasparenti u ***proporzjonati, sabiex tiġi ppreżervata s-***

iskoperturi ta' titolizzazzjoni superjuri tagħhom, anke meta l-kalkoli tal-kapital jissuġġerixxu li jista' jiġi applikat piż tar-riskju aktar baxx. Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju għall-pożizzjonijiet superjuri tat-titolizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu magħmula aktar sensittivi għar-riskju, u b'hekk ikun possibbli li jiġi rifless ir-riskju tal-aggregazzjoni sottostanti ta' skoperturi ta' kull titolizzazzjoni speċifika. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri tat-titolizzazzjoni ta' portafolli b'riskju baxx jenħtieġ li jitħallew jibbenefikaw minn livelli minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju aktar baxxi minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri f'titolizzazzjonijiet ta' portafolli b'riskju ogħla. Dan l-approċċ il-ġdid, li jfisser li l-limiti minimi għall-ponderizzazzjoni tar-riskju jiġu kkalkulati abbażi ta' formula speċifika, jenħtieġ li jissostitwixxi l-approċċ eżistenti fejn il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju jiġu stabbiliti bħala livelli fissi, irrispettivament mill-kwalità tal-kreditu tal-aggregazzjoni sottostanti tal-iskoperturi. Il-formula l-ġdida jenħtieġ li tagħmilha possibbli li jiġi rifless l-istatus sempliċi, trasparenti u ***standardizzat (STS) jew mhux STS ta' titolizzazzjoni. Sabiex jiġi evitat tnaqqis eċċessiv tar-rekwiżiti ta' kapital, jenħtieġ li jiġi introdott limitu minimu għal-limiti għall-ponderazzjoni tar-riskju***.

sensittività għar-riskju u tiġi evitata kumplessità żejda.

Or. en

Emenda 65
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(4) Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju huma piżijiet minimi tar-riskju li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeħtiġilhom japplikaw għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni superjuri tagħhom, anke meta l-kalkoli tal-kapital jissuġġerixxu li jista' jiġi applikat piż tar-riskju aktar baxx. ***Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju għall-pożizzjonijiet superjuri tat-titolizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu magħmula aktar sensittivi għar-riskju, u b'hekk ikun possibbli li jiġi rifless ir-riskju tal-aggregazzjoni sottostanti ta' skoperturi ta' kull titolizzazzjoni speċifika. Il-pożizzjonijiet*** ta' titolizzazzjoni superjuri ***tat-titolizzazzjoni ta'*** portafolli b'riskju baxx jenħtieġ li ***jitħallew*** jibbenefikaw ***minn livelli*** minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju ***aktar baxxi minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri f'titolizzazzjonijiet ta' portafolli b'riskju ogħla.*** Dan l-approċċ ***il-ġdid, li jfisser li l-limiti minimi għall-ponderizzazzjoni tar-riskju jiġu kkalkulati abbażi ta' formula speċifika,*** jenħtieġ li jissostitwixxi ***l-approċċ eżistenti fejn il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju*** jiġu stabbiliti ***bħala livelli fissi***, irrispettivament mill-kwalità tal-kreditu ***tal-aggregazzjoni*** sottostanti tal-iskoperturi. ***Il-formula l-ġdida jenħtieġ li tagħmilha possibbli li jiġi rifless l-istatus sempliċi, trasparenti u standardizzat (STS) jew mhux STS ta' titolizzazzjoni. Sabiex jiġi evitat tnaqqis eċċessiv tar-rekwiżiti ta' kapital, jenħtieġ li jiġi introdott limitu minimu għal-limiti għall-ponderazzjoni tar-riskju.***	(4) Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju huma piżijiet minimi tar-riskju li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeħtiġilhom japplikaw għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni superjuri tagħhom, anke meta l-kalkoli tal-kapital jissuġġerixxu li jista' jiġi applikat piż tar-riskju aktar baxx. ***Huma biss il-pożizzjonijiet*** ta' titolizzazzjoni superjuri ***appoġġati minn titolizzazzjonijiet ta'*** portafolli ***evidentement*** b'riskju baxx li jenħtieġ li ***jkunu eliġibbli li*** jibbenefikaw ***mil-livelli*** minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju ***mnaqqsa applikabbli għat-titolizzazzjonijiet STS.*** Dan l-approċċ jenħtieġ li jissostitwixxi ***l-qafas attwali li taħtu l-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju għat-titolizzazzjonijiet STS*** jiġu stabbiliti ***f'livelli uniformi***, irrispettivament mill-kwalità tal-kreditu sottostanti tal-iskoperturi ***titolizzati***.

Or. en

Emenda 66
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex tiġi prevista sensittività akbar għar-riskju fil-qafas tat-titolizzazzjoni, filwaqt li jinżamm trattament regolatorju prudenti, jeħtieġ li tiġi aġġustata, taħt l-approċċ SEC-IRBA, il-formula għall-fattur (p) sabiex jitnaqqas il-livell minimu u jitnaqqas il-fattur ta' gradazzjoni, u li jiġi introdott limitu massimu għall-fattur (p), prinċipalment għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri tal-istituzzjonijiet ta' kreditu oriġinaturi/sponsors. Għall-istess raġuni, skont l-approċċ SEC-SA, jeħtieġ li jitnaqqas il-fattur (p), għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri jenħtieġ li jkunu minimi, sabiex tiġi evitata s-sottokapitalizzazzjoni ta' dawn il-pożizzjonijiet. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet tal-investituri f'titolizzazzjonijiet mhux STS u f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri ta' titolizzazzjonijiet STS jenħtieġ li jkunu minimi, peress li dawk il-pożizzjonijiet ma għandhomx riskji mnaqqsa tal-aġenzija u tal-mudell.	***imħassar***

Or. en

Emenda 67
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***Sabiex tiġi prevista sensittività akbar*** għar-riskju ***fil-qafas tat-titolizzazzjoni, filwaqt li jinżamm trattament regolatorju prudenti, jeħtieġ li tiġi aġġustata, taħt l-approċċ SEC-IRBA, il-formula għall-fattur (p) sabiex***	(5) ***Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju għandhom jibqgħu sempliċi, trasparenti u proporzjonati, sabiex tiġi ppreżervata s-sensittività*** għar-riskju ***u tiġi evitata kumplessità żejda***.

jitnaqqas il-livell minimu u jitnaqqas il-fattur ta' gradazzjoni, u li jiġi introdott limitu massimu għall-fattur (p), prinċipalment għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri tal-istituzzjonijiet ta' kreditu oriġinaturi/sponsors. Għall-istess raġuni, skont l-approċċ SEC-SA, jeħtieġ li jitnaqqas il-fattur (p), għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri jenħtieġ li jkunu minimi, sabiex tiġi evitata s-sottokapitalizzazzjoni ta' dawn il-pożizzjonijiet. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet tal-investituri f'titolizzazzjonijiet mhux STS u f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri ta' titolizzazzjonijiet STS jenħtieġ li jkunu minimi, peress li dawk il-pożizzjonijiet ma għandhomx riskji mnaqqsa tal-aġenzija u tal-mudell.

Or. en

Emenda 68
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex tiġi prevista sensittività akbar għar-riskju fil-qafas tat-titolizzazzjoni, filwaqt li jinżamm trattament regolatorju prudenti, jeħtieġ li tiġi aġġustata, taħt l-approċċ SEC-IRBA, il-formula għall-fattur (p) sabiex jitnaqqas il-livell minimu u jitnaqqas il-fattur ta' gradazzjoni***, u li jiġi introdott limitu massimu għall-fattur (p), prinċipalment*** għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ***oriġinaturi/sponsors***. Għall-istess raġuni, skont l-approċċ SEC-SA, jeħtieġ li jitnaqqas il-fattur (p), għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri. Il-bidliet fil-	(5) Sabiex tiġi prevista sensittività akbar għar-riskju fil-qafas tat-titolizzazzjoni, filwaqt li jinżamm trattament regolatorju prudenti, jeħtieġ li tiġi aġġustata, taħt l-approċċ SEC-IRBA, il-formula għall-fattur (p) sabiex jitnaqqas il-livell minimu u jitnaqqas il-fattur ta' gradazzjoni għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ***oriġinaturi li huma involuti direttament jew indirettament fil-ftehim oriġinali li ħoloq l-obbligi jew l-obbligi potenzjali tad-debituri u li wassal għat-titolizzazzjoni tal-iskoperturi***. ***Dan l-aġġustament jiżgura li l-oriġinaturi***

fattur (p) għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri jenħtieġ li ***jkunu minimi***, sabiex tiġi evitata s-sottokapitalizzazzjoni ta' dawn il-pożizzjonijiet. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet tal-investituri ***f'titolizzazzjonijiet mhux STS u f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri ta' titolizzazzjonijiet STS*** jenħtieġ li ***jkunu minimi***, peress li dawk il-pożizzjonijiet ma għandhomx riskji mnaqqsa tal-aġenzija u tal-mudell.

msemmija hawn fuq biss jaqgħu fl-ambitu tal-miżura, li fir-rigward tagħhom jistgħu jiġu preżunti riskji tal-aġenzija u tal-mudell imnaqqsa, li ma huwiex il-każ għall-investituri. Bħala konsegwenza, dan jeskludi wkoll kwalunkwe oriġinatur li jixtri, imbagħad jittitolizza l-iskoperturi ta' parti terza f'ismu stess. Din l-esklużjoni hija ġġustifikata sabiex jiġi evitat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jespandu lil hinn min-negozji ewlenin tagħhom unikament għall-fini ta' titolizzazzjoni tal-iskoperturi rispettivi bl-intenzjoni li jibbenefikaw mit-tnaqqis skont il-miżura. Għall-istess raġuni, skont l-approċċ SEC-SA, jeħtieġ li jitnaqqas il-fattur (p), għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri jenħtieġ li ***ma jseħħux***, sabiex tiġi evitata s-sottokapitalizzazzjoni ta' dawn il-pożizzjonijiet. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet tal-investituri ***s*** jenħtieġ li ***ma jseħħux***, peress li dawk il-pożizzjonijiet ma għandhomx riskji mnaqqsa tal-aġenzija u tal-mudell.

Or. en

Emenda 69
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni u fuq bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri u jtaffi r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti jenħtieġ li***	(6) ***Il-limiti*** minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju ***għandhom jibqgħu sempliċi, trasparenti u proporzjonati***, ***sabiex tiġi ppreżervata s-sensittività għar-riskju u tiġi evitata kumplessità żejda***.

jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju ***u fil-fattur (p)***, ***meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. Il-pożizzjonijiet tal-investituri li huma istituzzjonijiet ta' kreditu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS jenħtieġ li ma jitħallewx jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis ulterjuri, peress li ma humiex ikkaratterizzati minn riskju mnaqqas tal-aġenzija u tal-mudell***.

Or. en

Emenda 70
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni ***u fuq bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem***. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri u jtaffi r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. ***Il-pożizzjonijiet tal-investituri li huma istituzzjonijiet ta' kreditu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS jenħtieġ li ma jitħallewx jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis ulterjuri, peress li ma humiex ikkaratterizzati minn riskju mnaqqas tal-aġenzija u tal-mudell.***	(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri sintetika jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri u jtaffi r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà.

Or. en

Emenda 71
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni ***u fuq bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem***. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri u jtaffi r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. ***Il-pożizzjonijiet tal-investituri li huma istituzzjonijiet ta' kreditu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS jenħtieġ li ma jitħallewx jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis ulterjuri, peress li ma humiex ikkaratterizzati minn riskju mnaqqas tal-aġenzija u tal-mudell.***	(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri sintetika jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri u jtaffi r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà.

Or. en

Emenda 72
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ***jkunu*** reżiljenti ***jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà*** fid-data tal-oriġinazzjoni ***u fuq***	(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ***f'titolizzazzjonijiet STS ikunu*** reżiljenti ***fejn ikollhom titjib tal-kreditu suffiċjenti minn segmenti subordinati*** fid-

bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri sintetika u jtaffi ***r-riskji*** tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti ***jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. Il-pożizzjonijiet tal-investituri li huma istituzzjonijiet*** ta' kreditu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ta' titolizzazzjonijiet ***mhux*** STS jenħtieġ li ***ma jitħallewx*** jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis ulterjuri, peress li ***ma humiex ikkaratterizzati*** minn riskju mnaqqas tal-aġenzija u tal-mudell.

data tal-oriġinazzjoni***. Dan ir-rekwiżit, flimkien mal-kriterji*** ta' eliġibbiltà ***STS*** jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri sintetika u jtaffi ***aktar ir-riskji*** tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti ***jiżguraw kapaċità aktar robusta għall-assorbiment tat-telf. Huma biss il-pożizzjonijiet ta' istituzzjoni*** ta' kreditu ***oriġinatur li huma a), involuti direttament jew indirettament fil-ftehim oriġinali li ħoloq l-obbligi jew l-obbligi potenzjali tad-debituri u li wassal għat-titolizzazzjoni tal-iskoperturi u, li huma b)*** f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ta' titolizzazzjonijiet STS ***li*** jenħtieġ li ***jitħallew*** jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis ulterjuri, peress li ***huma kkaratterizzati*** minn riskju mnaqqas tal-aġenzija u tal-mudell.

Or. en

Emenda 73
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni u fuq bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri u jtaffi r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. Il-pożizzjonijiet tal-investituri li huma istituzzjonijiet ta'	(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni u fuq bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri u jtaffi r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti***, kemm jekk huma sintetiċi jew tradizzjonali,*** jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. Il-pożizzjonijiet tal-

kreditu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS jenħtieġ li ma jitħallewx jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis ulterjuri, peress li ma humiex ikkaratterizzati minn riskju mnaqqas tal-aġenzija u tal-mudell.	investituri li huma istituzzjonijiet ta' kreditu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS jenħtieġ li ma jitħallewx jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis ulterjuri, peress li ma humiex ikkaratterizzati minn riskju mnaqqas tal-aġenzija u tal-mudell. ***Dawn iż-żewġ tnaqqisiet jenħtieġ li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ forom ta' titolizzazzjoni, kemm dik sintetika kif ukoll dik tradizzjonali, mingħajr ma tiġi ffavorita b'mod sproporzjonat waħda fuq l-oħra.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-UE hija l-akbar suq għat-titolizzazzjoni sintetika, u jirrappreżenta madwar nofs is-suq globali. Fi tmiem l-2023 (l-aktar data reċenti li għaliha hija disponibbli d-data globali), it-titolizzazzjonijiet sintetiċi pendenti fl-UE – li hawnhekk u fil-bqija ta' dan it-test jirreferu għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni pendenti – ammontaw għal madwar EUR 300 000 000, jew madwar 50 % tas-suq globali. Għalhekk ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni li l-hekk imsejħa titolizzazzjoni tradizzjonali tiġi ffavorita b'mod sproporzjonat.

Emenda 74
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-parteċipanti fis-suq eżistenti u biex tinżamm iċ-ċertezza legali, it-titolizzazzjonijiet li nħarġu qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkomplu jiġu rregolati mir-regoli fis-seħħ fil-mument tal-ħolqien tagħhom. Madankollu, biex ikun hemm flessibbiltà u biex jiġi evitat trattament prudenzjali frammentat, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jingħataw l-għażla li japplikaw b'mod volontarju l-qafas il-ġdid għal dawn it-tranżazzjonijiet pendenti jekk iqisu li dan ikun ta' benefiċċju.

Or. en

Emenda 75
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Minħabba l-bidliet fil-limitu minimu għall-ponderazzjoni tar-riskju għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri u għall-fattur (p) skont l-approċċi SEC-IRBA u SEC-SA, il-pożijiet tar-riskju fit-tabelli ta' konsultazzjoni taħt is-SEC-ERBA jenħtieġ li jiġu rikalibrati kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 76
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Minħabba l-bidliet fil-limitu minimu għall-ponderazzjoni tar-riskju għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri u għall-fattur (p) skont l-approċċi SEC-IRBA u SEC-SA, il-pożijiet tar-riskju fit-tabelli ta' konsultazzjoni taħt is-SEC-ERBA jenħtieġ li jiġu rikalibrati kif xieraq***.	(7) ***Il-limiti minimi għall-ponderazzjoni tar-riskju għandhom jibqgħu sempliċi, trasparenti u proporzjonati, sabiex tiġi ppreżervata s-sensittività għar-riskju u tiġi evitata kumplessità żejda***.

Or. en

Emenda 77
Marie Toussaint

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) F'konformità mal-objettivi tar-Regolament (UE) 2017/2402 li jiġi promoss finanzjament għall-ekonomija reali filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, it-tnaqqis tar-rekwiżiti tal-kapital proprju għat-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni mogħti fil-Kapitolu 5 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għas-self lill-unitajiet domestiċi u lill-impriżi mhux finanzjarji u jenħtieġ li ma jintużax primarjament għall-ottimizzazzjoni tal-karti bilanċjali, għad-distribuzzjonijiet ta' dividendi u imgħax lil azzjonisti jew detenturi ta' strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali, jew remunerazzjoni varjabbli. Għal dak l-għan, l-użu tat-tnaqqis tar-rekwiżiti tal-kapital proprju jenħtieġ li jiġi vvalutat abbażi ta' għoti ta' self nett, imkejjel bħala bidliet f'self pendenti u aġġustat biex jeskludi t-tranżazzjonijiet mhux ta' self, u mqabbel ma' parametru referenzjarju speċifiku għall-banek li jirrifletti l-pożizzjoni tal-bidu tal-istituzzjoni oriġinatriċi. Meta l-istituzzjonijiet oriġinaturi ma jissodisfawx il-parametri referenzjarji ta' self vinkolanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, tali nuqqas jenħtieġ li jkollu konsegwenzi superviżorji li jħarsu 'l quddiem, inkluż taħt il-proċess ta' riežami u evalwazzjoni superviżorju, u jenħtieġ li jwassal għal restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet ta' dividendi u imgħax, limitazzjonijiet fuq ir-remunerazzjoni varjabbli, u rekwiżiti għall-użu tal-profitti netti li jsaħħu l-fondi proprji, kif ukoll jaffettwaw ir-rikonoxximent tat-tnaqqis tar-rekwiżiti tal-kapital proprju għal tranżazzjonijiet futuri.

Or. en

Emenda 78
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Għandu jiġi introdott test ġdid ta' approċċ ibbażat fuq il-prinċipji biex jieħu post it-testijiet mekkaniċi eżistenti, għall-kejl tas-sinifikat tar-riskju ttrasferit permezz*** tat-titolizzazzjoni***. Minħabba l-użu limitat ħafna tiegħu, l-approċċ attwali bbażat fuq il-permess, fejn l-SRT jinkiseb permezz ta' permess mogħti mill-awtorità kompetenti, jenħtieġ li jitneħħa u jenħtieġ li ma jibqax permess. Sabiex tiġi ssimplifikata aktar il-valutazzjoni tal-SRT, u biex jiżdiedu t-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-oriġinaturi, jenħtieġ li jiġi introdott rekwiżit ġdid għall-oriġinaturi li jissottomettu awtovalutazzjoni biex juru li r-rekwiżiti relatati mal-SRT huma ssodisfati, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress. Bħala parti mill-awtovalutazzjoni, l-oriġinaturi*** jenħtieġ li ***jiżviluppaw analiżi tal-mudell tal-fluss tal-flus biex jipprovdu evidenza dwar ir-reżiljenza tal-SRT***.	(9) ***Ir-riskju għall-aġenzija u r-riskju ta' mmudellar inerenti fl-istrutturi*** tat-titolizzazzjoni ***ma jaffettwawx lill-oriġinaturi, lill-isponsors u lill-investituri b'mod ugwali; billi l-investituri huma aktar esposti għal tali riskji minħabba d-dipendenza fuq mudelli u informazzjoni dwar in-naħa tal-bejgħ; billi t-trattament prudenzjali*** jenħtieġ li ***jkompli jirrifletti dawn l-asimetriji, f'konformità mal-qafas tal-Kumitat ta' Basel***.

Or. en

Emenda 79
Ralf Seekatz

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għandu jiġi introdott test ġdid ta' approċċ ibbażat fuq il-prinċipji biex jieħu post it-testijiet mekkaniċi eżistenti, għall-kejl tas-sinifikat tar-riskju ttrasferit	(9) Għandu jiġi introdott test ġdid ta' approċċ ibbażat fuq il-prinċipji biex jieħu post it-testijiet mekkaniċi eżistenti, għall-kejl tas-sinifikat tar-riskju ttrasferit

permezz tat-titolizzazzjoni. Minħabba l-użu limitat ħafna tiegħu, l-approċċ attwali bbażat fuq il-permess, fejn l-SRT jinkiseb permezz ta' permess mogħti mill-awtorità kompetenti, jenħtieġ li jitneħħa u jenħtieġ li ma jibqax permess. Sabiex tiġi ssimplifikata aktar il-valutazzjoni tal-SRT, u biex jiżdiedu t-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-oriġinaturi, jenħtieġ li jiġi introdott rekwiżit ġdid għall-oriġinaturi li jissottomettu awtovalutazzjoni biex juru li r-rekwiżiti relatati mal-SRT huma ssodisfati, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress. Bħala parti mill-awtovalutazzjoni, l-oriġinaturi jenħtieġ li jiżviluppaw analiżi tal-mudell tal-fluss tal-flus biex jipprovdu evidenza dwar ir-reżiljenza tal-SRT.	permezz tat-titolizzazzjoni***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, f'każijiet eċċezzjonali, ikunu jistgħu jżidu l-ammont minimu ta' telf mhux mistenni ttrasferit fl-ambitu tal-PBA***. Minħabba l-użu limitat ħafna tiegħu, l-approċċ attwali bbażat fuq il-permess, fejn l-SRT jinkiseb permezz ta' permess mogħti mill-awtorità kompetenti, jenħtieġ li jitneħħa u jenħtieġ li ma jibqax permess. Sabiex tiġi ssimplifikata aktar il-valutazzjoni tal-SRT, u biex jiżdiedu t-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-oriġinaturi, jenħtieġ li jiġi introdott rekwiżit ġdid għall-oriġinaturi li jissottomettu awtovalutazzjoni biex juru li r-rekwiżiti relatati mal-SRT huma ssodisfati, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress. Bħala parti mill-awtovalutazzjoni, l-oriġinaturi jenħtieġ li jiżviluppaw analiżi tal-mudell tal-fluss tal-flus biex jipprovdu evidenza dwar ir-reżiljenza tal-SRT.
	Or. en

Emenda 80
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-kunċett ta' "skop uniku" kien ġie introdott fl-2015 mill-Kummissjoni għall-iskop uniku tal-indirizzar ta' lakuna potenzjali ta' ritenzjoni tar-riskju identifikata mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA). F'dan ir-rigward, l-EBA implimentat "test għal skop uniku" (SPT) biex tipprevjeni li entità li nħolqot jew li topera għal skop uniku ta' titolizzazzjoni tal-iskoperturi tiġi kkunsidrata bħala operatur.
	In-nuqqas ta' ċarezza dwar il-kundizzjonijiet u l-interpretazzjoni ta' dan it-test bħalissa jeskludi xi kumpaniji reali,

b'mod partikolari dawk li joperaw fis-swieq ta' self dirett u ta' CLO (obbligu kollateralizzat ta' self), milli jiġu kkunsidrati bħala oriġinaturi, minkejja l-intenzjoni tal-EBA li ma jkollhiex fil-mira tali każijiet.

Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata l-kjarifika ta' dan it-test sabiex: (i) tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tiegħu għall-kumpaniji jew għall-pjattaformi li jistgħu juru b'mod ċar li huma konformi (kumpaniji jew pjattaformi ta' kreditu Ewropej speċjalizzati li jaġixxu bħala oriġinaturi u servizzjanti, bħal dawk li jagħtu self lill-SMEs, kreditu għall-konsumatur, jew ipoteki residenzjali), u (ii) tiġi evitata b'mod permanenti l-esklużjoni ta' entitajiet li attwalment ma jissodisfawx it-test iżda li jistgħu jkunu involuti b'mod attiv fil-finanzjament tal-ekonomija reali Ewropea.

Or. en

Emenda 81
Sirpa Pietikäinen, Marco Falcone

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Ir-rabta bejn it-titolizzazzjoni u l-finanzjament tal-ekonomija reali għandha tkun ċara sabiex il-benefiċċji mit-twessigħ tal-użu tal-assi titolizzati u t-tnaqqis tal-livelli ta' riskju jilħqu wkoll l-investimenti neċessarji u ferm meħtieġa fil-prattika. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kummissjoni tingħata mandat ċar għall-monitoraġġ ta' kif il-banek jużaw il-marġni ta' manuvra ta' kapital miżjud tagħhom u kif il-kundizzjonijiet għall-finanzjament tal-ekonomija reali jkomplu jiżviluppaw. Barra minn hekk, l-effetti tar-riformi ta' titolizzazzjoni fuq strumenti eżistenti u li

jaħdmu sew, bħal bonds koperti, jeħtieġ li jiġu skrutinizzati biex jiġi evitat effett ta' evizzjoni.

Or. en

Emenda 82
Siegfried Mureşan, Janusz Lewandowski, Hanna Gronkiewicz-Waltz

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-finanzjament pubbliku permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-gvern denominati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor kien meħtieġ biex jappoġġa miżuri pubbliċi ħalli jiġu miġġielda l-konsegwenzi tal-iskoss ekonomiku serju u doppju kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn il-konsegwenzi għadhom perċepibbli u finanzjament pubbliku adegwat jista' jibqa' neċessarju. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll żmien suffiċjenti biex jirregolarizzaw il-livell ta' finanzjament pubbliku li kien neċessarju biex jiġu indirizzati dawn is-sitwazzjonijiet eċċezzjonali. Għalhekk, biex jiġu evitati restrizzjonijiet mhux neċessarji fuq l-istituzzjonijiet li jinvestu f'tali bonds, huwa xieraq li l-arranġamenti tranżizzjonali jiġu estiżi għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali ta' Stati Membri li ma humiex fiż-żona tal-euro, fejn dawk l-iskoperturi huma denominati u ffinanzjati fl-euro, fir-rigward tat-trattament ta' tali skoperturi fil-qafas tar-riskju ta' kreditu u fil-limiti kbar għall-iskoperturi.

Or. en

Emenda 83
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-finanzjament pubbliku permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-gvern denominati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor kien neċessarju biex jappoġġa miżuri pubbliċi ħalli jappoġġa miżuri pubbliċi biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi tal-iskoss ekonomiku serju u doppju kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn il-konsegwenzi għadhom perċepibbli u finanzjament pubbliku adegwat jista' jibqa' neċessarju. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll żmien suffiċjenti biex jirregolarizzaw il-livell ta' finanzjament pubbliku li kien neċessarju biex jiġu indirizzati dawn is-sitwazzjonijiet eċċezzjonali. Għalhekk, biex jiġu evitati restrizzjonijiet mhux neċessarji fuq l-istituzzjonijiet li jinvestu f'tali bonds, huwa xieraq li l-arranġamenti tranżizzjonali jiġu estiżi għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali ta' Stati Membri li ma humiex fiż-żona tal-euro, fejn dawk l-iskoperturi huma denominati u ffinanzjati fl-euro, fir-rigward tat-trattament ta' tali skoperturi fil-qafas tar-riskju ta' kreditu u fil-limiti kbar għall-iskoperturi.

Or. en

Emenda 84
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Sabiex tinżamm il-koerenza fil-qafas prudenzjali wara r-rikalibrazzjoni tar-rekwiżiti tal-kapital għal titolizzazzjonijiet ta' kwalità għolja, huwa xieraq li jiġi aġġustat it-trattament prudenzjali ta' bonds koperti kif xieraq. Il-bonds koperti jibbenefikaw minn profil ta' riskju b'saħħtu u stabbli, mirfuda bil-karatteristiċi strutturali speċifiċi tagħhom u l-qafas regolatorju applikabbli. L-iżgurar ta' relazzjoni xierqa bejn it-trattament prudenzjali tal-bonds koperti u t-titolizzazzjonijiet huwa meħtieġ biex jiġu pprevenuti effetti mhux intenzjonati fuq l-inċentivi tas-suq u biex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament kontinwu tas-swieq tal-bonds koperti bħala sors importanti ta' finanzjament stabbli. Għalhekk, il-ponderazzjoni tar-riskju għall-iskoperturi tal-bonds koperti tal-ogħla kwalità jenħtieġ li titnaqqas minn 10 % għal 5 %.

Or. en

Emenda 85
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u proporzjonata tal-qafas prudenzjali emendat u tiġi evitata kumplessità mhux neċessarja fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet oriġinaturi jitħallew japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament emendatorju dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital u l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, u anke għall-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni li nħolqu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju. Il-permess ta'

tali applikazzjoni jenħtieġ li jiffaċilita l-implimentazzjoni, itejjeb il-komparabbiltà u jappoġġa tranżizzjoni bla xkiel lejn il-qafas emendat mingħajr ma jiġu mminati l-objettivi prudenzjali.

Or. en

Emenda 86
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 129 – paragrafu 4 – tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10 %	***5 %***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Taġġusta l-ponderazzjoni tar-riskju għall-bonds koperti tal-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu 'l isfel minn 10 % għal 5 % sabiex jinżamm bilanċ xieraq bejn it-trattament prudenzjali tal-bonds koperti u t-titolizzazzjonijiet.

Emenda 87
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 161 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 161(1), jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(ab) l-iskoperturi għal impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni soġġetti għad-Direttiva 2009/138/KE, jew għar-rekwiżiti prudenzjali ta' pajjiż terz li

	jitqiesu li huma ekwivalenti f'konformità mal-Artikoli 172, 227 u 260 ta' din id-Direttiva, fejn dawn l-iskoperturi jikkonsistu f'politiki ta' assigurazzjoni għar-riskju ta' kreditu li jintużaw bħala protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata: 22,5 %;"

Or. en

(Regolament (UE) Nru 575/2013 / Artikolu 161 – paragrafu (1))

Emenda 88
Ralf Seekatz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 161 – paragrafu 1 – punt d

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 161(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(d) bonds koperti eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) jistgħu jiġu assenjati ***il-valur*** ta' LGD ta' 11,25 %***;***	"bonds koperti eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) jistgħu jiġu assenjati ***l-valur*** ta' LGD ta' 11,25 %***, jew valur ta' LGD ta' 5,625 % għall-bonds koperti li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità ta' kreditu.***"

Or. en

(Regolament (UE) Nru 575/2013)

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata l-koerenza fil-qafas prudenzjali wara r-rikalibrazzjoni tar-rekwiżiti tal-kapital għal titolizzazzjonijiet ta' kwalità għolja, it-trattament tal-bonds koperti skont l-Approċċ Standardizzat għandu jiġi allinjat mal-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni. Mingħajr aġġustament korrispondenti fil-qafas IRB, ir-rikalibrazzjoni tapplika b'mod mhux uniformi fl-istituzzjonijiet kollha, u dan jillimita l-effettività tagħha.

Emenda 89
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Tabella 3	***imħassar***
[...]	

Or. en

Emenda 267
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafi 2a u 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:	***imħassar***
"2a. Għal pożizzjoni f'segment superjuri b'CQS1 f'titolizzazzjoni li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(3), il-piż tar-riskju għandu jiġi kkalkulat kif ġej:	
Max (5 %; 10 % *K_A*12,5)	

2b. Meta istituzzjoni ma tkunx tista' tuża l-formula stabbilita fit-Tabella 3 jew fil-paragrafu 2a, minħabba li ma tkunx tista' tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta' 10 % għall-iskoperturi rilevanti.;"

Or. en

Emenda 268
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Meta istituzzjoni ma tkunx tista' ***tuża*** l-formula stabbilita fit-Tabella 3 jew fil-paragrafu 2a, minħabba li ma tkunx tista' tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta' 10 % għall-iskoperturi rilevanti.;	2b. ***Għall-fini ta' dan l-Artikolu, K_A għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 261 għall-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti fl-oriġinazzjoni tat-titolizzazzjoni.*** Meta istituzzjoni ma tkunx tista' ***tikkalkula*** l-formula stabbilita fit-Tabella 3 jew fil-paragrafu 2a, minħabba li ma tkunx tista' tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta' 10 % għall-iskoperturi rilevanti.;

Or. en

Emenda 269
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafu 3 – tabella 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tabella 4	***imħassar***
[...]	

Or. en

Emenda 270
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafi 3a u 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiżdiedu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:	***imħassar***
"3a. Għal pożizzjoni f'segment superjuri b'CQS1 jew CQS2 b'maturità tas-segment ta' sena, f'titolizzazzjoni li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(3), il-piż tar-riskju għandu jiġi kkalkulat kif ġej:	
Max (5 %; 10 % *K_A*12,5)	
3b. Meta istituzzjoni ma tkunx tista' tuża l-formula stabbilita fit-Tabella 4, minħabba li ma tkunx tista' tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta' 10 % għall-iskopertura rilevanti.;"	

Or. en

Emenda 271
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafu 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3b. Meta istituzzjoni ma tkunx tista' ***tuża*** l-formula stabbilita fit-Tabella 4, minħabba li ma tkunx tista' tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta' 10 % ***għall-iskopertura*** rilevanti.***;***	3b. ***Għall-fini ta' dan l-Artikolu, K_A għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 261 għall-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti fl-oriġinazzjoni tat-titolizzazzjoni.*** Meta istituzzjoni ma tkunx

tista' ***tikkalkula*** l-formula stabbilita fit-Tabella 4 ***jew fil-paragrafu 3a***, minħabba li ma tkunx tista' tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta' 10 % ***għall-iskoperturi*** rilevanti.

Or. en

Emenda 272
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Għal pożizzjoni f'segment superjuri f'titolizzazzjoni ta' self u kirjiet għal karozzi jew għal tagħmir, u t-titolizzazzjonijiet ABCP ta' riċevibbli tan-negozju, il-ponderazzjoni tar-riskju għal CQS1 bi kwalunkwe maturità tas-segment, jew CQS2 b'maturità tas-segment ta' sena fit-Tabella 4 għandha tkun 6 %.

Or. en

Emenda 273
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 268 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	(2a) It-trattament preferenzjali tal-ponderazzjoni tar-riskju għandu japplika biss għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li juru b'mod evidenti profil tar-riskju

aktar baxx, inkluż permezz tal-ħxuna suffiċjenti ta' segmenti mhux superjuri li huma kapaċi jassorbu t-telf qabel ma jitħalla impatt fuq is-segmenti superjuri.

Or. en

Emenda 274
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 269 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Fl-Artikolu 269, jiżdied il-paragrafu 3 ġdid:
	Il-valutazzjoni tar-reżiljenza tista' tapplika kemm għat-titolizzazzjonijiet sintetiċi kif ukoll għal dawk tradizzjonali dment li tkun strettament marbuta mal-protezzjoni effettiva ta' pożizzjonijiet superjuri u ma tirriżultax fi tnaqqis indiskriminat tar-rekwiżiti tal-kapital proprju.

Or. en

Emenda 275
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid) – punt a
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 269a – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15a) L-Artikolu 269a(5) huwa emendat kif ġej:
	(a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

Għall-finijiet tal-Artikolu 268(1), it-telf mistenni assoċjat ma' skoperturi sottostanti għal titolizzazzjoni NPE tradizzjonali ***kwalifikanti*** għandu jiġi inkluż wara t-tnaqqis tal-iskont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli u, meta applikabbli, ta' kwalunkwe aġġustament speċifiku addizzjonali għar-riskju ta' kreditu.	Għall-finijiet tal-Artikolu 268(1), it-telf mistenni assoċjat ma' skoperturi sottostanti għal titolizzazzjoni NPE tradizzjonali għandu jiġi inkluż wara t-tnaqqis tal-iskont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli u, meta applikabbli, ta' kwalunkwe aġġustament speċifiku addizzjonali għar-riskju ta' kreditu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-qafas regolatorju attwali, it-titolizzazzjonijiet tradizzjonali mhux kwalifikanti huma ppenalizzati b'mod mhux xieraq minħabba li attwalment huma esklużi mill-applikazzjoni tal-limitu CR massimu (ara l-Artikolu 269a, il-paragrafu 5), li huwa maħsub biex jillimita l-assorbiment tal-kapital fuq segmenti miżmuma għar-rekwiżit ta' kapital tal-portafoll sottostanti. Biex tiġi indirizzata din il-lakuna regolatorja, nipproponu din l-emenda għall-Artikolu 269a, il-paragrafu 5. Il-bidla proposta ma timminax id-distinzjoni prudenzjali bejn it-tranżazzjonijiet kwalifikanti u dawk mhux kwalifikanti.

Emenda 276
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid) – punt a
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 269a – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15a) L-Artikolu 269a(5) huwa emendat kif ġej:
	(a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Għall-finijiet tal-Artikolu 268(1), it-telf mistenni assoċjat ma' skoperturi sottostanti għal titolizzazzjoni NPE tradizzjonali ***kwalifikanti*** għandu jiġi inkluż wara t-tnaqqis tal-iskont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli u, meta applikabbli, ta' kwalunkwe aġġustament speċifiku addizzjonali għar-riskju ta' kreditu.	**"**Għall-finijiet tal-Artikolu 268(1), it-telf mistenni assoċjat ma' skoperturi sottostanti għal titolizzazzjoni NPE tradizzjonali għandu jiġi inkluż wara t-tnaqqis tal-iskont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli u, meta applikabbli, ta' kwalunkwe aġġustament speċifiku addizzjonali għar-riskju ta' kreditu.**"**

Or. en

(Regolament (UE) Nru 575/2013)

Emenda 277
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid) – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 269a – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(b) fis-subparagrafu 2, l-inċiż 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
CR_{max} = ir-rekwiżit kapitali massimu fil-każ ta' titolizzazzjoni NPE tradizzjonali ***kwalifikanti***;	CR_{max} = ir-rekwiżit kapitali massimu fil-każ ta' titolizzazzjoni NPE tradizzjonali;**.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-qafas regolatorju attwali, it-titolizzazzjonijiet tradizzjonali mhux kwalifikanti huma ppenalizzati b'mod mhux xieraq minħabba li attwalment huma esklużi mill-applikazzjoni tal-limitu CR massimu (ara l-Artikolu 269a, il-paragrafu 5), li huwa maħsub biex jillimita l-assorbiment tal-kapital fuq segmenti miżmuma għar-rekwiżit ta' kapital tal-portafoll sottostanti. Biex tiġi indirizzata din il-lakuna regolatorja, nipproponu din l-emenda għall-Artikolu 269a, il-paragrafu 5. Il-bidla proposta ma timminax id-distinzjoni prudenzjali bejn it-tranżazzjonijiet kwalifikanti u dawk mhux kwalifikanti.

Emenda 278
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid) – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 269a – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(b) fis-subparagrafu 2, l-inċiż 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
CR_{max} = ir-rekwiżit kapitali massimu fil-każ ta' titolizzazzjoni NPE tradizzjonali	CR_{max} = ir-rekwiżit kapitali massimu fil-

kwalifikanti;	każ ta' titolizzazzjoni NPE tradizzjonali;

Or. en

(Regolament (UE) Nru 575/2013)

Emenda 279
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 428p – paragrafu 3a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) fl-Artikolu 428p, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"(3a) Fil-każ ta' titolizzazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2017/2402, l-istituzzjonijiet oriġinaturi jistgħu japplikaw il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma, anke jekk l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni jkunu mniżżla fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni, minflok il-fattur ta' finanzjament stabbli pprovdut għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni."

Or. en

(Regolament (UE) Nru 575/2013)

Emenda 280
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 428p – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(16a) fl-Artikolu 428p, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"(3a) Fil-każ ta' titolizzazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2017/2402, l-istituzzjonijiet oriġinaturi jistgħu japplikaw il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma, anke jekk l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni jkunu mniżżla fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni, minflok il-fattur ta' finanzjament stabbli pprovdut għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni."

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment to Article 428p of Regulation (EU) No. 575/2013 has the aim to support a more consistent representation of securitisation in the assessment of the net stable funding ratio (NSFR). The main target is to ensure uniformity in the assessment of this ratio, regardless of the applicable accounting standards (IAS/IFRS or Directive 86/635/EEC) to institutions in accordance point (77) of Article 4(1). The two standards generate different accounting effects and therefore also a different value for the NSFR indicator, which is calculated by applying appropriate stable financing factors to the accounting values of the assets and off-balance sheet items of institutions (Article 428p, paragraph 2).

Emenda 281
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 465 – paragrafu 13

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) Jitħassar l-Artikolu 465(13).
13. B'deroga mill-Artikolu 92(5), il-punt (a)(iii) jew (b)(ii), u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, għal skoperturi li huma ponderati għar-riskju bl-użu tas-SEC-IRBA jew l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna f'konformità mal-Artikolu 92(4),	***imħassar***

meta l-parti tal-ammont totali standardizzat tal-iskopertura ponderata għar-riskju għal riskju ta' kreditu, riskju ta' dilwizzjoni, riskju tal-kreditu tal-kontroparti jew għar-riskju tas-suq li jirriżulta min-negozju tal-portafoll tan-negozjar tiġi kkalkulata bl-użu tas-SEC-SA f'konformità mal-Artikolu 261 jew 262, l-istituzzjonijiet għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2032, japplikaw il-fattur p li ġej:

(a) p = 0,25 għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 262;

(b) p = 0,5 għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 261.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02013R0575-20260101)

Emenda 282
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 465 – paragrafu 13

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) L-Artikolu 465(13) huwa sostitwit b'dan li ġej:
13. B'deroga mill-Artikolu 92(5), il-punt (a)(iii) jew (b)(ii), u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, ***għal skoperturi li huma ponderati għar-riskju bl-użu tas-SEC-IRBA jew l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna f'konformità mal-Artikolu 92(4), meta l-parti tal-ammont totali standardizzat tal-iskopertura ponderata għar-riskju għal riskju ta' kreditu, riskju ta' dilwizzjoni, riskju tal-kreditu tal-kontroparti jew għar-riskju tas-suq li jirriżulta min-negozju tal-portafoll tan-***	**"**13. B'deroga mill-Artikolu 92(5), il-punt (a)(iii) jew (b)(ii), u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fattur p li ġej:

negozjar tiġi kkalkulata bl-użu tas-SEC-SA f'konformità mal-Artikolu 261 jew 262, l-istituzzjonijiet għandhom***, sal-31 ta' Diċembru 2032,*** japplikaw il-fattur p li ġej:

(a) p = ***0,25*** għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 262;	(a) p = ***0,2*** għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 262;
(b) p = 0,5 għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 261.	(b) p = 0,5 għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 261.**"**

Or. en

Emenda 283
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 494ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 494ca
	Anterjorità ta' titolizzazzjonijiet eżistenti
	It-titolizzazzjonijiet maħruġa qabel...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom ikomplu jkunu soġġetti għar-regoli applikabbli fi...[il-jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Permezz ta' deroga, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li japplikaw ir-reġim il-ġdid minn...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal dawk it-tranżazzjonijiet eżistenti fuq bażi fakultattiva u irrevokabbli.

Or. en

Emenda 284
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid) Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 494ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 494 ca (ġdid)
	Fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni maħruġa qabel ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] l-istituzzjonijiet oriġinaturi jistgħu, għall-finijiet ta' kalkolu tar-rekwiżiti tal-kapital u l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, jagħżlu li japplikaw ir-reġim applikabbli minn ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] għal tali titolizzazzjoni.

Or. en

Emenda 285
Enikő Győri, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jaroslav Knot

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 500a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-Artikolu 500a huwa emendat kif ġej:
	(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
B'deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta' Diċembru 2026, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor, japplikaw dawn li ġejjin:	***"***B'deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta' Diċembru 2026, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor ***li ma huwiex fiż-żona euro, minbarra l-euro***, japplikaw dawn li ġejjin:***"***
	(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. B'deroga mill-punt (ii) tal-punt ***(d)*** tal-	"3. B'deroga mill-punt (ii) tal-punt ***(a)*** tal-

Artikolu ***150(1)***, wara li jirċievu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn dawk l-iskoperturi jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-paragrafu ***1*** ta' dan l-Artikolu.

Artikolu ***150(1a***), wara li jirċievu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn dawk l-iskoperturi jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-paragrafu ***4*** ta' dan l-Artikolu."

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. B'deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta' Diċembru 2034, għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali tal-Istati Membri li ma humiex fiż-żona euro, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fl-euro, japplikaw dawn li ġejjin:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2030, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 0 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);

(b) fl-2031, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 20 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);

(c) fl-2032, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 40 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);

(d) fl-2033, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 60 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);

(e) fl-2034, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 80 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2).

5. B'deroga mill-Artikoli 395(1) u 493(4), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu

jippermettu lill-istituzzjonijiet iġarrbu l-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, sal-limiti li ġejjin:

(a) 100 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2031;

(b) 80 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2032;

(c) 60 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2033;

(d) 40 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2034;

Il-limiti msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-valuri tal-iskoperturi wara li jitqies l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403.

Or. en

Emenda 286
Siegfried Mureşan, Janusz Lewandowski, Hanna Gronkiewicz-Waltz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 500a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) L-Artikolu 500a huwa emendat kif ġej:
	(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
B'deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta' Diċembru 2026, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor,	***"***B'deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta' Diċembru 2026, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor ***li ma huwiex fiż-żona euro, minbarra l-euro***,

japplikaw dawn li ġejjin:	japplikaw dawn li ġejjin:***”***
	(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:
3. B’deroga mill-punt (ii) tal-punt ***(d)*** tal-Artikolu 150(1), wara li jirċievu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn dawk l-iskoperturi jkunu assenjati piż tar-riskju ta’ 0 % skont il-paragrafu ***1*** ta’ dan l-Artikolu.	***“***B’deroga mill-punt (ii) tal-punt ***(a)*** tal-Artikolu 150(1), wara li jirċievu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn dawk l-iskoperturi jkunu assenjati piż tar-riskju ta’ 0 % skont il-paragrafu ***4*** ta’ dan l-Artikolu.***”***
	(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
	“4. B’deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta’ Diċembru 2034, għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali tal-Istati Membri li ma humiex fiż-żona euro, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fl-euro, japplikaw dawn li ġejjin:
	(a) sal-31 ta’ Diċembru 2030, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 0 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f’konformità mal-Artikolu 114(2);
	(b) fl-2031, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 20 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f’konformità mal-Artikolu 114(2);
	(c) fl-2032, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 40 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f’konformità mal-Artikolu 114(2).
	(d) fl-2033, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 60 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f’konformità mal-Artikolu 114(2);
	(e) fl-2034, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 80 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f’konformità mal-Artikolu

	114(2).”
	“5.B’deroga mill-Artikoli 395(1) u 493(4), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet iġarrbu skoperturi msemmija fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu, sal-limiti li ġejjin:
	(a) 100 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni sal-31 ta’ Diċembru 2031;
	(b) 80 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Diċembru 2032;
	(c) 60 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Diċembru 2033;
	(d) 40 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Diċembru 2034;
	Il-limiti msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-valuri tal-iskoperturi wara li jitqies l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu f’konformità mal-Artikoli 399 sa 403.”

Or. en

Emenda 287
Marlena Maląg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 500a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) L-Artikolu 500a huwa emendat kif ġej:
	(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:
B’deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta’ Diċembru 2026, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-	***“***B’deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta’ Diċembru 2026, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-

Istati Membri, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor, japplikaw dawn li ġejjin:	Istati Membri, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor ***li ma huwiex fiż-żona euro, minbarra l-euro***, japplikaw dawn li ġejjin:***"***
	(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. B'deroga mill-punt (ii) tal-punt ***(d)*** tal-Artikolu 150(1), wara li jirċievu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn dawk l-iskoperturi jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-paragrafu ***1*** ta' dan l-Artikolu.	***"***3. B'deroga mill-punt (ii) tal-punt ***(a)*** tal-Artikolu 150(1), wara li jirċievu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn dawk l-iskoperturi jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-paragrafu ***4*** ta' dan l-Artikolu. ***"***
	(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
	4. B'deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta' Diċembru 2034, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri li ma humiex fiż-żona euro, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati f'euro, japplikaw dawn li ġejjin:
	(a) sal-31 ta' Diċembru 2030, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 0 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);
	(b) fl-2031, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 20 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);
	(c) fl-2032, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 40 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);
	(d) fl-2033, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 60 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);

(e) fl-2034, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 80 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2).

5.B'deroga mill-Artikoli 395(1) u 493(4), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet iġarrbu l-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, sal-limiti li ġejjin:

(a) 100 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2031;

(b) 80 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2032;

(c) 60 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2033;

(d) 40 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2034;

Il-limiti msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-valuri tal-iskoperturi wara li jitqies l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403.

Or. en

Emenda 288
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 506d – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-EBA, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u d-dinamika ġenerali tas-suq tat-	Sa [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-EBA, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u d-dinamika ġenerali tas-suq tat-

titolizzazzjoni tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-idoneità u l-effettività tal-qafas ta' titolizzazzjoni prudenzjali tal-Unjoni, inkluż dwar il-finanzjament tal-ekonomija reali, filwaqt li tiddistingwi bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS, u bejn metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju.	titolizzazzjoni tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-idoneità u l-effettività tal-qafas ta' titolizzazzjoni prudenzjali tal-Unjoni, inkluż dwar il-finanzjament tal-ekonomija reali ***u l-użu ta' riakkwisti u pagamenti ta' dividendi mill-istituzzjonijiet ta' kreditu***, filwaqt li tiddistingwi bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS, u bejn metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju.
	Or. en

Emenda 289
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 506d – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [***4*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni, wara ***li tkun ikkonsultat lill-EBA***, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u d-dinamika ġenerali tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-idoneità u l-effettività tal-qafas ta' titolizzazzjoni prudenzjali tal-Unjoni***, inkluż*** dwar ***il-finanzjament tal-ekonomija reali***, filwaqt li tiddistingwi bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż ***bejn*** titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u ***NPE***, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS, u bejn ***metodi*** differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju.	Sa ***...*** [***3*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***], il-Kummissjoni, wara ***konsultazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea***, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u d-dinamika ġenerali tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-idoneità u l-effettività tal-qafas ta' titolizzazzjoni prudenzjali tal-Unjoni***. Abbażi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 245a, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, għandha tivvaluta l-impatt tal-qafas prudenzjali ta' titolizzazzjoni*** dwar ***is-self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u lil unitajiet domestiċi***, filwaqt li tiddistingwi ***bejn tipi ta' oriġinazzjoni ta' self fil-klassijiet tal-assi kollha, kif ukoll*** bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u ***ta' skoperturi li ma jrendux***, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, bejn

	tranżazzjonijiet STS u mhux STS, u bejn ***il-metodi*** differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju.

Or. en

Emenda 290
Sirpa Pietikäinen, Marco Falcone

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 506d – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-EBA, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u d-dinamika ġenerali tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-idoneità u l-effettività tal-qafas ta' titolizzazzjoni prudenzjali tal-Unjoni, inkluż dwar il-finanzjament tal-ekonomija reali, filwaqt li tiddistingwi bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS, u bejn metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju.	Sa [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-EBA, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u d-dinamika ġenerali tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-idoneità u l-effettività tal-qafas ta' titolizzazzjoni prudenzjali tal-Unjoni, inkluż dwar il-finanzjament tal-ekonomija reali, filwaqt li tiddistingwi bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS, u bejn metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju ***kif ukoll timmonitorja l-effetti tar-riformi fis-suq tal-bonds koperti***. ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha timmonitorja wkoll kif il-banek jużaw il-marġni ta' manuvra tal-kapital tagħhom u kif il-kundizzjonijiet għall-finanzjament tal-ekonomija reali jiżviluppaw.***

Or. en

Emenda 291
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 506d – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk bidla aktar fundamentali fil-formuli u l-funzjonijiet tal-piż tar-riskju tagħmilhiex possibbli li tinkiseb aktar sensittività għar-riskju, jinkisbu livelli aktar proporzjonati ta' nonnewtralità kapitali, jiġu mmitigati l-effetti ta' preċipizju u jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet strutturali tal-qafas attwali, filwaqt li titqies il-prestazzjoni kreditizja storika tat-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni fl-Unjoni u r-riskji mnaqqsa tal-mudell u tal-aġenzija tal-qafas ta' titolizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riskju għall-aġenzija u r-riskju inerenti fl-istrutturi tat-titolizzazzjoni ma jaffettwawx lill-oriġinaturi, lill-isponsors u lill-investituri b'mod ugwali; billi l-investituri huma aktar esposti għal tali riskji minħabba d-dipendenza fuq mudelli u informazzjoni dwar in-naħa tal-bejgħ. It-trattament prudenzjali għandu jkompli jirrifletti dawn l-asimetriji, f'konformità mal-qafas tal-Kumitat ta' Basel.

Emenda 292
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 506d – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk bidla aktar fundamentali fil-formuli u l-funzjonijiet tal-piż tar-riskju tagħmilhiex possibbli li	***imħassar***

tinkiseb aktar sensittività għar-riskju, jinkisbu livelli aktar proporzjonati ta' nonnewtralità kapitali, jiġu mmitigati l-effetti ta' preċipizju u jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet strutturali tal-qafas attwali, filwaqt li titqies il-prestazzjoni kreditizja storika tat-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni fl-Unjoni u r-riskji mnaqqsa tal-mudell u tal-aġenzija tal-qafas ta' titolizzazzjoni.

Or. en

Emenda 293
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 506d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni, sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ], biex timmonitorja l-iżviluppi u d-dinamika tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni li jirriżultaw mill-qafas prudenzjali emendat, filwaqt li tiffoka fuq ir-rwol tal-istituzzjonijiet ta' kreditu bħala oriġinaturi tat-tranżazzjonijiet tal-SRT u bħala investituri. L-analiżi għandha tiddifferenzja bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, u bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS. Ir-rapport għandu janalizza wkoll l-impatt tal-qafas prudenzjali emendat fuq is-self addizzjonali mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji, inklużi l-SMEs.	(2) L-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni, sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ], biex timmonitorja l-iżviluppi u d-dinamika tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni li jirriżultaw mill-qafas prudenzjali emendat, filwaqt li tiffoka fuq ir-rwol tal-istituzzjonijiet ta' kreditu bħala oriġinaturi tat-tranżazzjonijiet tal-SRT u bħala investituri. L-analiżi għandha tiddifferenzja bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, u bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS. Ir-rapport għandu janalizza wkoll l-impatt tal-qafas prudenzjali emendat fuq is-self addizzjonali mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji, inklużi l-SMEs ***u kif il-banek jużaw il-marġni ta' manuvra ta' kapital tagħhom***. ***Barra minn hekk, għandu jiġi analizzat ukoll liema huma l-effetti fuq is-suq eżistenti u li jiffunzjona tajjeb għat-titoli ta' dejn koperti u liema riskji jistgħu jinħolqu fis-sistema finanzjarja fir-rigward tal-***

konċentrazzjoni tal-parteċipanti fis-suq, il-pajjiżi involuti, it-tipi ta' negozji, l-oriġini (UE u mhux mill-UE) kif ukoll l-effett ta' ingranaġġ.

Or. de

Emenda 294
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 506d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni, sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ], biex timmonitorja l-iżviluppi u d-dinamika tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni li jirriżultaw mill-qafas prudenzjali emendat, filwaqt li tiffoka fuq ir-rwol tal-istituzzjonijiet ta' kreditu bħala oriġinaturi tat-tranżazzjonijiet tal-SRT u bħala investituri. L-analiżi għandha tiddifferenzja bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, u bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS. Ir-rapport għandu janalizza wkoll l-impatt tal-qafas prudenzjali emendat ***fuq is-self*** addizzjonali mill-istituzzjonijiet ta' kreditu ***lill-unitajiet*** domestiċi u ***lin-negozji***, inklużi l-SMEs.	2. L-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni, sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ], biex timmonitorja l-iżviluppi u d-dinamika tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni li jirriżultaw mill-qafas prudenzjali emendat, filwaqt li tiffoka fuq ir-rwol tal-istituzzjonijiet ta' kreditu bħala oriġinaturi tat-tranżazzjonijiet tal-SRT u bħala investituri. L-analiżi għandha tiddifferenzja bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, u bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS. Ir-rapport għandu janalizza wkoll l-impatt tal-qafas prudenzjali emendat ***u jekk dan ikkontribwiex għal self*** addizzjonali ***u aktar affordabbli*** mill-istituzzjonijiet ta' kreditu ***għall-ekonomija reali bħall-unitajiet*** domestiċi u ***għan-negozji***, inklużi l-SMEs ***u għandu jinkludi valutazzjoni tal-impatt tal-qafas prudenzjali emendat fuq l-użu minn istituzzjonijiet tal-kreditu għax-xiri ta' riakkwisti u pagamenti ta' dividendi lill-investituri***.

Or. en

Emenda 295

Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Emenda għad-Direttiva 2009/65/KE
	Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:
	Fl-Artikolu 56(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (b), UCITS tista' takkwista mhux aktar minn 25 % tat-titolizzazzjonijiet maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402 minn korp emittenti wieħed.";

Or. en

(Direttiva 2009/65/KE)

Emenda 296
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Emenda għad-Direttiva 2009/65/KE
	Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:
	Fl-Artikolu 56(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (b), UCITS tista' takkwista mhux

aktar minn 50 % tat-titolizzazzjonijiet, imkejla fiż-żmien tal-akkwist rilevanti, f'titolizzazzjoni maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402 minn korp emittenti wieħed."

Or. en

(32009L0065)

Emenda 297
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Emenda għad-Direttiva 2009/65/KE
	Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:
	Fl-Artikolu 56(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (b), UCITS tista' tinjora l-limitu meta t-titoli huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 19 tar-Regolament (UE) 2017/2402."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitu ta' investiment ta' 10 % tal-UCITS fuq titoli ta' dejn ta' emittent wieħed huwa restrittiv iżżejjed għat-titolizzazzjonijiet tal-UE, u jrażżan id-domanda tal-investituri u jillimita t-tkabbir tas-suq. Għalhekk, ma għandux japplika f'każ ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.

Emenda 298
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Emenda għad-Direttiva 2009/65/KE
	Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:
	"***Fl-Artikolu 56(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:***
	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (b), UCITS tista' takkwista mhux aktar minn 70 % tat-titoli f'titolizzazzjoni maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402 minn korp emittenti uniku fejn tali pożizzjonijiet ikunu f'titolizzazzjonijiet pubbliċi kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (32), ta' dan ir-Regolament.

Or. en

(Direttiva 2009/65/KE)